

Brussell, 13 ta' Novembru 2025
(OR. en)

15410/25

CULT 128	EMPL 514
AUDIO 111	GENDER 200
CULT HERIT 25	DIGIT 240
EDUC 445	TOUR 23
JEUN 236	MI 907
COMPET 1161	ENV 1222
SAN 743	PROCIV 148
DISINFO 100	RECH 501
RELEX 1475	NDICI 10
FREMP 333	FIN 1352
AG 181	

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2025) 785 final
Suġġett:	KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW, LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-KUMITAT TAR-REĠJUNI Boxxla Kulturali għall-Ewropa

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2025) 785 final.

Mehmuż: COM(2025) 785 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 12.11.2025
COM(2025) 785 final

**KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-PARLAMENT EWROPEW,
LILL-KUNSILL, LILL-KUMITAT EKONOMIKU U SOĊJALI EWROPEW U LILL-
KUMITAT TAR-REĠJUNI**

Boxxla Kulturali għall-Ewropa

{SWD(2025) 785 final}

Boxxla Kulturali għall-Ewropa

1. Introduzzjoni

L-Ewropa hija ċentru dinamiku tad-diversità kulturali, u hija magħrufa għal-lingwi, għall-wirt kulturali, għall-espressjonijiet artistiċi, u għall-innovazzjonijiet kreattivi tagħha. L-Ewropa għandha aktar Siti ta' Patrimonju Dinji tal-UNESCO ta' importanza kulturali, naturali jew taħlita tagħhom minn kull reġjun ieħor fid-dinja. Tħaddan fiha diversità lingwistika, b'aktar minn 24 lingwa uffiċjali tal-UE u aktar minn 60 lingwa reġjonali jew minoritarja. Din irrikkezza kulturali tixhed l-istorja u l-memorja kondiviżi tal-Ewropa, u hija l-forza li ssawwar il-futur tagħha, trawwem sens ta' appartenenza Ewropew u ssaħħaħ il-valuri Ewropej, kif ikkonfermat mill-fatt li 87 % ta' ċittadini jaraw il-kultura u l-wirt kulturali bħala kruċjali biex iħossuhom aktar Ewropej¹.

Fl-Ewropa, id-diversità kulturali hija ċelebrata, imħarsa u l-ħin kollu tiġi immaġinata mill-ġdid. Tipprovdi art fertili għall-artisti u għall-professjonisti kulturali biex joħolqu, jinnovaw u jegħlbu l-limiti. Il-legat kulturali u l-vibranza tal-Ewropa jrawmu l-iskambju, id-djalogu, u l-fehim reċiproku bejn il-komunitajiet u l-ġenerazzjonijiet.

L-attivitajiet kulturali u l-interazzjoni mal-wirt kulturali għani tal-Ewropa huma essenzjali għall-istil ta' ħajja Ewropew tagħna. L-evidenza turi li s-soċjetajiet b'iżjed parteċipazzjoni kulturali huma aktar miftuħa, tolleranti, demokratiċi, u ekonomikament robusti², u li l-konsum kulturali huwa effettiv għall-ġlieda kontra l-mibegħda³. Intwera wkoll li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kulturali żżid il-probabbiltà li wieħed jivvota, jagħmel volontarjat, u jipparteċipa f'attivitajiet fil-komunità⁴. Din tikkontribwixxi għall-koeżjoni u għar-reżiljenza soċjali u territorjali, u għal saħħa u benesseri aħjar. 87 % tal-Ewropej jaqblu li l-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kulturali jew l-attenzenza għal' avvenimenti artistiċi ttejjeb il-benesseri emozzjonali jew fiżiku tagħhom.

Barra minn hekk, is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi tal-Ewropa huma kruċjali biex jagħtu spinta lill-innovazzjoni u lill-kompetittività, joħolqu l-impjiegi, jippromwovu t-turiżmu sostenibbli, u jagħmlu r-reġjuni u l-bliet tagħna aktar attraenti. L-aktar minn 2 miljun intrapriża li jiffurmaw l-industriji kulturali u kreattivi fl-UE flimkien jiġġeneraw madwar EUR 199 biljun f'valur miżjud u jimpjegaw 7,9 miljun persuna madwar l-Ewropa⁵.

Fuq livell internazzjonali, l-isfond kulturali vibranti tal-Ewropa huwa sors ta' setgħa ta' perswazzjoni u assi reputazzjonali. Jiffaċilita l-istabbiliment ta' sħubijiet internazzjonali ta' benefiċċju reċiproku, itejjeb l-involviment fil-livell globali, u jappoġġa l-proċess ta' tkabbir tal-UE.

Fl-istess ħin, l-importanza strateġika tal-kultura għall-Ewropa hija sottovalutata u għad trid tiġi vvalorizzata bis-sħiħ. F'era ta' tibdil rapidu u kumpless, ta' tensjonijiet ġeopolitiċi, ta' manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, ta' movimenti antidemokratiċi, tal-kriżi klimatika, tal-bidla teknoloġika u tat-tranżizzjoni diġitali, l-Ewropa jeħtiġilha tirrikonoxxi u tisfrutta l-potenzjal tal-kultura biex tiffaċċja dawn il-kwistjonijiet urġenti.

¹ [Europeans' attitudes towards culture - Mejju 2025 - Stħarriġ tal-Ewrobarometru.](#)

² Tista' tinstab ġabra estiża tal-evidenza fl-istudju [Culture and democracy, the evidence - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE.](#)

³ *Idem.*

⁴ *Idem.*

⁵ Ċifri għall-2024. Sors: [Culture statistics - cultural employment - Statistics Explained - Il-Eurostat.](#)

Is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi qed jiffaċċjaw sfidi speċifiċi, inkluż theddid għall-libertà artistika, kundizzjonijiet tax-xogħol prekarji, inugwaljanzi fl-aċċess għall-kultura, żieda fil-kompetizzjoni globali, u kwistjonijiet relatati mad-drittijiet ta' proprjetà intellettuali b'rabta mal-IA. Fl-istess ħin, billi jisfruttaw teknoloġiji ġodda, dawn is-setturi jistgħu jkomplu jtejbu l-produzzjoni kreattiva tagħhom u l-potenzjal ta' innovazzjoni tagħhom, iżda anke l-aċċessibilità tal-kultura u l-involviment tal-udjenza.

Minkejja l-progress sinifikanti li sar matul l-aħħar snin permezz tal-Aġendi Ewropej għall-Kultura⁶ u l-Pjanijiet ta' Ħidma għall-Kultura⁷, l-UE għad ma għandhiex qafas strateġiku li jibqa' validu fil-futur biex b'mod konsistenti tinkludi u tgħolli r-rwol tal-kultura fit-tfassil tal-politika. Għal din ir-raġuni, il-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen, "L-Għażla Quddiem l-Ewropa", bdew billi saħqu fuq l-importanza tad-diversità u tal-wirt kulturali tal-Ewropa għall-futur tal-Ewropa. Bl-istess mod, l-Aġenda Strateġika tal-Kunsill Ewropew⁸ irrikonoxxiet il-ħtieġa li jiġu promossi d-diversità u l-wirt kulturali, filwaqt li l-Parlament Ewropew⁹, il-Kunsill¹⁰, u l-partijiet ikkonċernati saħqu fuq l-importanza ta' qafas strateġiku tal-UE għall-kultura.

Bi tweġiba għal dawn l-appelli, il-Kummissjoni tippreżenta **Boxxla Kulturali għall-Ewropa, li tistabbilixxi viżjoni u tidentifika l-inizjattivi ewlenin**. Billi tirrikonoxxi l-potenzjal tal-kultura li sservi ta' għodda li tgħaqqad, il-Boxxla hija akkumpanjata wkoll minn **abbozz ta' Dikjarazzjoni Konġunta li għandu jintlaħaq qbil dwarha mill-Parlament Ewropew, mill-Kunsill u mill-Kummissjoni**. Sabiex l-UE tistagħna, jeħtiġilha tpoġġi l-kultura fil-qalba tal-viżjoni politika tagħha, u tal-istrateġija soċjali u ekonomika tagħha. Il-Boxxla Kulturali se sservi wkoll bħala l-ankra strateġika għall-kultura fi ħdan il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) għall-2028-2034¹¹.

2. Il-viżjoni: l-Ewropa għall-Kultura, il-Kultura għall-Ewropa

Il-Boxxla Kulturali hija mfassla biex tagħmel l-aħjar użu mill-potenzjal tal-kultura għall-individwi, għas-soċjetajiet u għat-territorji, u biex tiżgura li l-kultura tkun ċentrali għall-unità, għad-diversità u għall-eċċellenza tal-Ewropa. Hija bbażata fuq **viżjoni strateġika** li fiha l-Ewropa tiddefendi l-kultura u l-kultura tiddefendi l-Ewropa:

"L-Ewropa għall-Kultura": L-isfond kulturali għani tal-Ewropa huwa integrali għall-identità u għall-iżvilupp tal-Unjoni. Kulħadd għandu d-dritt li joħloq u jipparteċipa fil-kultura, li jgawdi l-libertà fundamentali tal-espressjoni artistika u li jipparteċipa b'mod liberu fil-ħolqien u fit-tgawdija tal-kultura. Il-Boxxla Kulturali għandha l-għan li tintegra l-kultura bħala dimensjoni ewlenija fl-istrateġiji u fil-politiki rilevanti kollha, u fl-għodod ta' finanzjament korrispondenti tagħhom. Din tirrikonoxxi l-valur intrinsiku, soċjetali, ċiviku u ekonomiku tal-kultura u r-rwol tagħha bħala ben pubbliku fundamentali. Permezz ta' politiki u investiment imfassla apposta, il-Boxxla Kulturali tgħin lis-setturi kulturali jistagħnaw, jinnovaw, u

⁶ L-aktar reċenti: [Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar Aġenda Għida Ewropea għall-Kultura \(COM/2018/267\)](#).

⁷ L-aktar reċenti: [Ir-Risoluzzjoni tal-Kunsill dwar il-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 \(2022/C466/01\)](#).

⁸ [Strategic aġenda 2024-2029](#).

⁹ Ir-Risoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-14 ta' Diċembru 2022 dwar l-implimentazzjoni tal-Aġenda Ewropea Għida għall-Kultura u l-Istrateġija tal-UE għar-Relazzjonijiet Kulturali Internazzjonali (2022/2047(INI)).

¹⁰ Ara n-nota 7 f'qiegħ il-paġna.

¹¹ Il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea għall-Qafas Finanzjarju Pluriennali 2028-2034, ippreżentata fis-16 ta' Lulju 2025, tippermetti l-finanzjament tal-UE għall-kultura minn diversi strumenti. [EUR-Lex - 52025DC0570R\(01\) - MT - EUR-Lex](#).

jikkompetu fil-livell globali. Filwaqt li hija mfassla biex tkun trażversali, tirrikonoxxi u tapprezza l-karatteristiċi speċifiċi tas-setturi kulturali individwali.

“Il-Kultura għall-Ewropa”: L-UE se tisfrutta d-diversità kulturali, il-wirt kulturali u l-kreattività għonja tal-Ewropa biex issaħħaħ ir-reżiljenza demokratika, iżżid il-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, ittejjeb il-benesseri tan-nies, u żżid il-kompetittività u l-potenzjal għall-innovazzjoni tal-Ewropa. Il-Boxxla Kulturali għandha l-għan li tippromwovi u tgħolli l-istatus tal-kultura bħala espressjoni tal-istorja u tal-valuri kondiviżi tal-Ewropa, filwaqt li sservi bħala katalizzatur b’saħħtu għar-reżiljenza tas-soċjetà. Permezz tal-kultura, l-UE tista’ ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala mexxejja fil-livell globali fl-oqsma tal-kultura u tal-kreattività, imsejjes fuq il-fehim reċiproku, b’azzjonijiet ankrati fi ħdan il-valuri tal-UE.

F’konformità ma’ din il-viżjoni, il-Boxxla Kulturali se tiggwida l-politiki tal-UE lejn **erba’ direzzjonijiet ewlenin**, appoġġati minn azzjonijiet orizzontali biex jiġi mmobilizzat l-investment fil-kultura Ewropea:

- 1) UE li tiddefendi u **ssaħħaħ il-valuri u d-drittijiet kulturali Ewropej**;
- 2) UE li **tagħti s-setgħa lill-artisti u lill-professjonisti kulturali, u tappoġġa lin-nies**;
- 3) UE li tibbaża fuq il-kultura u fuq il-wirt kulturali biex **issir aktar kompetittiva, reżiljenti u koeżiva**;
- 4) UE li **tippromwovi r-relazzjoni u s-sħubijiet kulturali internazzjonali**.

L-UE se teħtieġ impenn politiku akbar u għodod ta’ politika ġodda biex il-Boxxla Kulturali ssir realtà. Għal din ir-raġuni, il-Kummissjoni se:

- Tippromovi **Dikjarazzjoni Konġunta** interistituzzjonali li għandha tiġi miftiehma **bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni** bit-titolu “L-Ewropa għall-Kultura – il-Kultura għall-Ewropa”, li se tiddekrivi u ttenni l-impenn politiku favur il-prinċipji ewlenin għall-politika kulturali fl-Ewropa;
- Tippubblika minn żmien għal żmien **Rapport dwar l-Istat tal-Kultura fl-UE** biex tipprovdi informazzjoni intuwittiva dwar l-isfond kulturali Ewropew u tivvaluta l-progress li jkun sar fir-rigward tal-iżvilupp tal-ekosistema kulturali u kreattiva, inkluża enfasi speċifika fuq il-libertà artistika;
- Tistabbilixxi **djalogu strutturat tal-UE** mal-partijiet ikkonċernati kulturali u kreattivi biex jiġi diskuss ir-Rapport dwar l-Istat tal-Kultura u l-progress fil-kisba tad-direzzjonijiet ewlenin tal-Boxxla Kulturali. Dan id-djalogu se jservi bħala pjattaforma għall-iskambju, għall-ħolqien konġunt, u għall-allinjament tal-politiki;
- B’appoġġ tar-Rapport dwar l-Istat tal-Kultura, tistabbilixxi **pjattaforma tad-data kulturali tal-UE** biex tiġbor u tanalizza d-data u l-informazzjoni kulturali, timmonitorja x-xejriet u l-iżviluppi, u tiġbor l-aħjar prattiki f’post wiehed¹². Il-Kummissjoni se tikkoopera wkoll mal-Istati Membri tal-UE u mal-uffiċċji tal-istatistika tagħhom, kif ukoll mal-organizzazzjonijiet internazzjonali rilevanti, biex tkompli ttejjeb l-istatistiki kulturali tal-UE u tappoġġa t-tfassil ta’ politika bbażata fuq l-evidenza.

3. UE li tiddefendi u ssaħħaħ il-valuri u d-drittijiet kulturali Ewropej

Id-demokrazija, il-libertà, id-diversità u l-ugwaljanza huma valuri li jsaħħu lil xulxin b’mod reċiproku, u l-UE u l-Istati Membri tagħha lkoll huma responsabbli biex jiddefenduhom. Il-

¹² Id-data dwar is-settur awdjoviżiv se tkompli tiġi pprovduta mill-Osservatorju Awdjoviżiv Ewropew u mir-Rapport ta’ Prospettiva tal-Media Ewropea tal-Kummissjoni.

libertà li wieħed johlq u li wieħed jipparteċipa fil-kultura mingħajr ostakli hija minquxa fl-Artikolu 27 tad-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem¹³ u fl-Artikolu 13 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea¹⁴. Dawn id-drittijiet huma essenzjali biex jgħinu jemanċipaw lill-individwi u lill-komunitajiet biex jesprimu ruħhom b'mod liberu, jiddjalogaw, jiċċelebraw id-diversità kulturali, imexxu 'l quddiem l-arti, jippreservaw il-wirt kulturali, u jimmaġinaw il-futur. Dawn huma l-prinċipji fundamentali tal-Boxxla Kulturali.

3.1. Nissalvagwardjaw il-libertà artistika

Il-kultura u l-kreattività jistgħu jistagħnaw biss jekk tiġi żgurata l-libertà tal-espressjoni kreattiva. Is-salvagwardja ta' din il-libertà trid tkun il-pedament ta' kwalunkwe soċjetà demokratika u miftuħa u hija indikatur b'saħħtu tas-saħħa demokratika ta' soċjetà. Fl-UE, il-protezzjoni tal-libertà tal-artisti u tal-ħaddiema kulturali li joħlqu mingħajr ċensura jew intimidazzjoni u li jesprimu l-fehmiet tagħhom dwar kwistjonijiet ta' interess pubbliku hija responsabbiltà kollettiva. Madankollu, għadhom joħlqu rapporti¹⁵ li jallegaw indħil indebitu li jaffettwa l-indipendenza tal-istituzzjonijiet kulturali, l-użu tal-hekk imsejħa liġijiet dwar il-moralità, iċ-ċensura jew l-intimidazzjoni tal-artisti, u saħansitra l-awtoċensura.

Bid-demokrazija u bis-soċjetà ċivili taħt pressjoni madwar id-dinja kollha, każijiet bħal dawn iridu jiġu ddokumentati u mmonitorjati mill-qrib, u jridu jittieħdu miżuri biex jiġu offruti “żoni sikuri” għall-artisti f'riskju u għall-artisti spostati¹⁶. L-Istati Membri u l-istituzzjonijiet tal-UE għandhom jiżguraw li l-politiki, l-oqfsa legali u l-prattiki amministrattivi tagħhom jappoġġaw il-ħolqien, l-espressjoni u ċ-ċirkolazzjoni artistiki liberi. L-Ewropa għandha tieħu azzjoni biex tipproteġi l-libertà artistika u żżid is-sensibilizzazzjoni biex tiġi promossa.

Din hija r-raġuni għaliex il-Kummissjoni se tinkludi b'mod sistematiku **fokus speċifiku fuq l-esperjenzi tal-artisti fir-rigward tal-libertà artistika** fir-rapport futur tagħha dwar l-Istat tal-Kultura fl-UE. Se tgħin ukoll biex **tiġi ssalvagwardjata l-libertà artistika** permezz ta' politiki u programmi kurrenti u futuri tal-UE, b'mod partikolari fl-**AgoraEU** futura proposta, bħala parti mill-baġit fit-tul tal-UE li jmiss. Is-salvagwardja tal-libertà artistika hija wkoll parti rilevanti min-nisġa demokratika usa' tas-soċjetajiet tagħna, u t-Tarka Ewropea għad-Demokrazija għandha l-għan li tipproteġi u tippromwovi d-demokrazija u r-reżiljenza tas-soċjetà fuq medda ta' żmien twila.

3.2. Promozzjoni tad-diversità kulturali u lingwistika

Id-diversità kulturali u lingwistika tinsab fil-qalba tal-proġett Ewropew u hija rappreżentazzjoni reali tal-motto tal-UE “Magħquda fid-diversità”. L-impenn biex din tiġi ppreservata huwa prerekwiżit tas-sovranià kulturali u tal-kultura demokratika Ewropej. Huwa għalhekk li l-UE hija firmatarja tal-Konvenzjoni tal-UNESCO tal-2005 dwar id-Diversità tal-Espressjonijiet Kulturali¹⁷ bħala entità għaliha.

L-UE tipproteġi, tiżviluppa u tippromwovi b'mod attiv id-diversità kulturali u lingwistika permezz tal-politiki u l-programmi tagħha, u kif stabbilit fil-Linji Gwida Politiċi tal-President von der Leyen, se tkompli taħdem fuq is-salvagwardja tad-drittijiet tal-persuni li jappartjenu għall-minoranzi fl-Ewropa. Mill-2021 sal-2024, il-programm Ewropa Kreattiva appoġġa lil 670 sħubija kulturali tranżnazzjonali; inħarġu 554 film fis-swali taċ-ċinema madwar l-Ewropa, u

¹³ [Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem | Nazżjonijiet Uniti.](#)

¹⁴ [Il-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.](#)

¹⁵ [Il-Kunsill tal-Ewropa, 2023. Free to Create: Artistic Freedom in Europe.](#)

¹⁶ [Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar artisti f'riskju u spostati 2023/C 185/09.](#)

¹⁷ [2005 Convention on Diversity of Cultural Expressions | Diversity of Cultural Expressions.](#)

kien hemm 37,9 miljun persuna li aċċessaw xogħlijiet awdjoviżivi Ewropej minn pajjiżi Ewropej oħra¹⁸.

Il-ħames Premjijiet Kulturali tal-UE¹⁹ għandhom rwol importanti fiż-żieda tal-viżibbiltà tas-setturi kulturali tal-Ewropa billi jirrikonoxxu u jippromwovu d-diversità u l-eċċellenza tagħhom. Biex tibni fuq dan, il-Kummissjoni se tipproponi **Premju ġdid tal-UE għall-Arti tal-Ispettaklu biex tiġi ċċelebrata l-eċċellenza artistika** filwaqt li jissaħħu l-ħiliet, l-aċċess għas-suq u n-networks professjonali tul l-ekosistema Ewropea tal-arti tal-ispettaklu kollha kemm hi.

Permezz tal-**Jum Ewropew tal-Lingwi**²⁰, l-UE tiċċelebra d-diversità lingwistika bħala rappreżentazzjoni tal-wirt kulturali għani tal-Ewropa u pedament tad-demokrazija. Il-**promozzjoni tal-apprendiment tal-lingwi u tad-diversità lingwistika hija fost l-oġettivi speċifiċi tal-Erasmus+**²¹. Fil-qasam tal-kultura, tal-media awdjoviżiva u emerġenti (eż. loġħob vidjo jew realtà estiża), il-programm Ewropa Kreattiva għandu legat ta' promozzjoni tad-diversità u taċ-ċirkolazzjoni tal-kontenut Ewropew u ta' tkabbir tal-udjenzi.

Il-promozzjoni attiva tal-kontenut online "*Made in Europe*" hija essenzjali biex l-udjenzi diġitali jiskopru u japprezzaw ir-rikkezza u d-diversità tal-Ewropa. Sar progress sinifikanti permezz ta' miżuri regolatorji u ta' politika. Pereżempju, ir-reviżjoni tal-2018 tad-Direttiva dwar is-servizzi tal-Media Awdjoviżiva (AVMSD, Audiovisual Media Services Directive)²² saħħet il-viżibbiltà u l-prominenza tal-kontenut awdjoviżiv Ewropew fuq is-servizzi ta' "video on demand" (VOD), filwaqt li żgurat sehem ta' mill-inqas 30 % għax-xogħlijiet Ewropej fil-katalgi tagħhom, u rrekjediet li x-xandara jiżguraw proporzjon maġġoritarju tal-ħin tat-trażmissjoni tagħhom għax-xogħlijiet Ewropej. L-użu tal-big data u tal-intelliġenza artifiċjali (IA) jista' jkompli jagħti spinta lill-iskopribbiltà ta' kontenut Ewropew divers, kif deskritt fl-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA²³.

Barra minn hekk, ir-riċerka u l-innovazzjoni ffinanzjati minn Orizzont Ewropa qed isaħħu r-reżiljenza tas-setturi kulturali u kreattivi, qed jixprunaw 'l quddiem tkabbir sostenibbli, u qed jużaw it-teknoloġija u l-kollaborazzjoni biex jippreservaw u jarrikkixxu d-diversità kulturali u lingwistika tal-Ewropa.

Il-Kummissjoni se tkompli tissalvagwardja u ssaħħaħ il-firxa rikka ta' espressjonijiet kulturali u lingwistiċi tal-Ewropa. Se tisfrutta l-potenzjal sħiħ tar-riċerka, tal-innovazzjoni u tat-teknoloġija biex tappoġġa dan. Se tapprofondixxi r-**riċerka u tappoġġa l-investment dwar l-iskopribbiltà ta' kontenut kulturali online divers maħluq fl-Ewropa**, wara l-pubblikazzjoni tal-istudju dwar l-istess suġġett²⁴, biex jitrawwem il-konsum tiegħu fl-UE u lil hinn minnha, b'fokus speċjali fuq il-kontenut mużikali u letterarju Ewropew online.

3.3. Twessigħ tal-parteċipazzjoni fil-kultura u tal-aċċess għaliha

¹⁸ Il-fergħa tal-Media tal-programm appoġġat ukoll l-iżvilupp ta' aktar minn 300 loġħba jew titolu ta' kontenut immersiv, li ħafna minnhom ingħataw premji prestiġjużi.

¹⁹ Iffinanzjati mill-Fergħa tal-Kultura tal-programm Ewropa Kreattiva: il-Premjijiet tal-Wirt Ewropew/il-Premjijiet Europa Nostra; il-Premjijiet għat-Talent Il-Mużika Ċċaqlaq l-Ewropa; il-Premju tal-UE għall-Arkitettura Kontemporanja – il-Premju Mies van der Rohe; il-Premju tal-UE għal-Letteratura, u l-Premju Simone Veil riċenti – premju tal-UE għall-Kultura u għall-Wirt tal-Lhud.

²⁰ [European Day of Languages | Il-Kummissjoni Ewropea](#), inizjattiva konġunta mal-Kunsill tal-Ewropa.

²¹ [Examples of projects supporting regional and minority languages: compilation of projects co-funded by the Erasmus+ Programme and Creative Europe](#).

²² Id-Direttiva (UE) 2018/1808.

²³ COM(2025) 723.

²⁴ L-istudju msemmi fil-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 (ĠU C 466, 7.12.2022).

Il-parteċipazzjoni kulturali u l-aċċess għall-attivitajiet kulturali huma essenzjali għall-promozzjoni taċ-ċittadinanza attiva, u huma pilastru fundamentali ta' kwalunkwe soċjetà demokratika u inklużiva.

Xi Stati Membri diġà introduċew Passes tal-kultura maħsuba biex itejbu l-aċċess kulturali, speċjalment għaż-żgħażaġh. Il-finanzjament tal-UE, b'mod partikolari taħt il-programm **Ewropa Kreattiva, ukoll ippromwova l-aċċess għall-kultura b'diversi modi**, pereżempju, billi appoġġa l-Passes taċ-ċinema fis-swali li jappartjenu għan-network Europa Cinemas f'diversi pajjiżi tal-UE permezz tal-fergħa tal-MEDIA. Inizjattivi bħall-**Jiem Ewropej tal-Wirt**²⁵ jew ir-**Rotta Kulturali ta' DiscoverEU**²⁶ espandew l-opportunitajiet biex jiġi esplorat il-wirt kulturali enormi tal-Ewropa.

Madankollu, għad fadal progress xi jsir. 51 % tal-Ewropej ma ħadu sehem fl-ebda attività artistika, la individwalment u lanqas bħala parti minn grupp, fl-aħħar 12-il xahar^{27,28}. Għalhekk, il-Kummissjoni se tkompli ttejjeb l-aċċess taż-żgħażaġh għall-wirt kulturali madwar l-Ewropa billi (i) tistabbilixxi **qafas volontarju għar-rikonoxximent reċiproku tal-passes tal-kultura u tal-wirt kulturali għaż-żgħażaġh maħruġa fil-livell nazzjonali**, (ii) tippromwovi r-**Rotta Kulturali ta' DiscoverEU** fost iż-żgħażaġh, u (iii) **iżżid l-offerta kulturali** fi ħdan il-karta tal-UE tal-iskontijiet għaż-żgħażaġh eżistenti taħt l-Erasmus+.

Hemm għadd ta' fatturi oħra li jaffettwaw il-parteċipazzjoni, mill-istatus soċjoekonomiku sad-diżabilità, l-etniċità, il-ġeneru, l-età, u l-post ġeografiku²⁹. Sabiex titwessa' l-parteċipazzjoni fil-kultura u tittejjeb il-kwalità tagħha, l-UE u l-Istati Membri tagħha għandhom jivvalutaw kif il-politiki, bħal dawk relatati max-xjenza, mas-saħħa, mal-ambjent, mal-edukazzjoni, mat-taħriġ u mal-koeżjoni soċjali, jistgħu jrawmu l-involviment fil-kultura. L-Ewropa se tkompli twitti t-triq u toħloq opportunitajiet indaqs permezz ta' investiment sostnut u permezz ta' tfassil inklużiv u aċċessibbli tal-infrastruttura u tal-programmi kulturali. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni se tħejji Rapport biex tappoġġa lill-Istati Membri ħalli **jżidu l-parteċipazzjoni tal-persuni b'diżabilità fil-kultura u l-appoġġ għalihom**.

4. UE li tagħti s-setgħa lill-artisti u lill-professionisti kulturali, u tappoġġa lin-nies

Il-ħajja kulturali tiffjorixxi meta s-soċjetajiet joħlqu l-kundizzjonijiet li jippermettu lill-individwi u lill-artisti jesperimentaw u jegħlbu l-limiti. Dan jirrikjedi kundizzjonijiet tax-xogħol ġusti għall-artisti u għall-professionisti fl-oqsma kulturali, ambjenti tax-xogħol sikuri u ħielsa minn kwalunkwe tip ta' vjolenza, u edukazzjoni, taħriġ u ħiliet adegwati. Fl-istess ħin, huwa essenzjali li jiġu indirizzati r-realtajiet li jħabbtu wiċċhom magħhom iż-żgħażaġh, inklużi l-artisti emerġenti, sabiex tinbena Ewropa kulturalment għanja li verament tgħożż lil niesha. L-UE jeħtiġilha tippromwovi l-edukazzjoni fl-arti u l-aċċess inklużiv u sikur għall-kultura għat-tfal, għaż-żgħażaġh u għall-gruppi sottorappreżentati.

4.1. Żgurar ta' kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti

Ħafna ħaddiema kulturali għandhom jiffaċċjaw diffikultajiet biex jibbenefikaw minn drittijiet u minn protezzjonijiet ekwivalenti fil-prattika.

²⁵ [European Heritage Days | European Heritage Days](#), kofinanzjata mill-UE u mill-Kunsill tal-Ewropa.

²⁶ [Ir-Rotta Kulturali ta' DiscoverEU | Il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ](#) tispira liż-żgħażaġh biex jiddisinjaw l-ivvjaġġar tagħhom skont is-siti tal-kultura u tal-wirt kulturali. DiscoverEU hija ffinanzjata minn Erasmus+.

²⁷ [Culture statistics - cultural participation - Statistics Explained - II-Eurostat](#).

²⁸ [Europeans' attitudes towards culture - Meju 2025 - Stħarriġ tal-Ewrobarometru](#).

²⁹ [Culture statistics - cultural participation - Statistics Explained - II-Eurostat](#).

Fl-2024, kien hemm 7,9 miljun persuna impjegati fis-setturi kulturali u kreattivi madwar l-UE, li jirrappreżentaw 3,8 % tal-impjiegi totali tal-UE. Madankollu, hemm livell kbir ta' varjetà fil-kompożizzjoni tal-forza tax-xogħol u fit-tipi ta' impjeg³⁰. Ix-xogħol freelance u l-impjeg indipendenti huma aktar komuni milli huma f' setturi oħra, bi kważi terz tal-ħaddiema kulturali madwar l-UE li għandhom impjeg indipendenti, aktar mid-doppju tal-medja kumplessiva tal-UE³¹. Id-durata tal-kuntratti tax-xogħol għandha t-tendenza li tkun iqsar u inqas stabbli meta mqabbla ma' dawk f' setturi ta' impjiegi aktar tradizzjonali. Il-proporzjon ta' dawk li jgawdu kuntratt permanenti huwa ta' 15,2 punt perċentwali inqas mis-suq tax-xogħol ġenerali³². L-artisti u l-kittieba huma wkoll inqas probabbli li jkollhom biss impjeg wiehed³³ u aktar mill-kreaturi ta' kontenut awdjoviżiv (diretturi, kittieba tal-iskripts, eċċ.) jesperjenzaw perjodi twal mingħajr xogħol bi hlas³⁴. Id-data u s-sejbiet mill-ispezzjonijiet disponibbli juru livelli sinifikanti ta' xogħol mhux iddikjarat fis-setturi³⁵.

Il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-qasam tal-kultura spiss ikunu prekarji³⁶, u l-artisti u l-professjonisti kulturali spiss ikunu esklużi mill-protezzjoni soċjali jew ikunu biss koperti parzjalment minnha. Il-kundizzjonijiet tax-xogħol ħżiena huma wkoll fost il-fatturi li għandhom impatti negattivi fuq is-saħħa mentali tal-professjonisti. Il-professjonisti b' diżabilità għandhom jiffaċċjaw bosta ostakli li jżommuhom milli jżviluppaw xogħolhom fuq l-istess livell ma' ħaddieħor. Is-setturi kulturali juru wkoll differenza persistenti fil-qligħ bejn il-ġeneri, fejn sehem ogħla ta' nisa milli rġiel jaqilgħu pagi baxxi³⁷.

F'dawn l-aħħar snin, saru żviluppi importanti fl-Istati Membri, fejn diversi pajjiżi adottaw leġislazzjoni dwar l-istatus tal-artisti jew miżuri speċifiċi oħra biex jappoġġaw lill-artisti, bħall-iżvilupp ta' politiki u ta' karti dwar il-pagi u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħhom. Fil-livell tal-UE, il-Kummissjoni appoġġat studji, gruppi ta' esperti u workshops differenti bl-involvement attiv tal-Istati Membri³⁸, li involvew kemm in-naħa tal-kultura kif ukoll in-naħa tal-impjiegi u l-affarijiet soċjali, il-partijiet ikkonċernati, is-sħab soċjali, u l-Parlament Ewropew³⁹.

Huwa importanti li tiżdied l-azzjoni fil-livell tal-UE biex jittejjbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti. Il-Kummissjoni se tipproponi **Karta tal-Artisti tal-UE, biex tiddekrivi l-prinċipji fundamentali, il-gwida, u l-impenji favur kundizzjonijiet tax-xogħol ekwi** fis-setturi u żżid il-konformità u r-responsabbiltà, b'mod partikolari minn dawk li jirċievu finanzjament tal-UE għall-kultura. Se torganizza **skambju ta' livell għoli tal-UE mal-partijiet ikkonċernati u mas-sħab soċjali**, u l-eżiti se jikkontribwixxu wkoll għat-tfassil tal-karta.

³⁰ [Culture statistics - cultural employment - Statistics Explained - Il-Eurostat.](#)

³¹ *Idem.*

³² *Idem.*

³³ *Idem.*

³⁴ [The status of artists and cultural and creative professionals in Europe - L-Osservatorju Awdjoviziv Ewropew.](#)

³⁵ [Employment characteristics and undeclared work in the cultural and creative sectors - L-Awtorità Ewropea tax-Xogħol.](#)

³⁶ Skont [stħarriġ li sar minn Panteia fl-2024](#), 68 % tal-artisti u tal-professjonisti tal-professjonisti fl-oqsma kulturali u kreattivi (CCS, Cultural and Creative Sectors) inklużi fl-istħarriġ għandhom aktar minn impjeg wieħed, u 71 % ma għandhomx aċċess għal protezzjoni soċjali suffiċjenti; b'mod partikolari l-artisti freelance u b' impjeg indipendenti.

³⁷ Data għall-2022. Skont id-[data tal-Eurostat](#), fl-2022, filwaqt li l-UE rreġistrat l-aktar differenza baxxa bejn il-ġeneri fl-impjiegi kulturali fl-aħħar deċennju, dan il-bilanċ ma huwiex rifless fil-qligħ. [Culture statistics - gender equality - Statistics Explained - Il-Eurostat.](#)

³⁸ [The status and working conditions of artists and cultural and creative professionals - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE; Mapping cultural and creative sector working conditions in the EU.](#)

³⁹ Il-Parlament Ewropew kien difensur ewlieni għal [Qafas tal-UE għas-sitwazzjoni soċjali u professjonali tal-artisti u l-ħaddiema fis-settur kulturali u kreattiv C/2024/4208.](#)

Barra minn hekk, biex jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-artisti, dawn jeħtieġ li jkollhom fehim ċar tad-drittijiet tagħhom, inklużi l-oqfsa legali u kuntrattwali li jirregolaw ix-xogħol tagħhom. Għal dan l-għan, il-Kummissjoni appoġġat it-**tnedija tal-għodda online “This Is How We Work” fuq il-pjattaforma Creatives Unite**, li toffri informazzjoni intuittiva dwar l-oqfsa legali u ta’ politika li jsawru l-istatus, is-sigurtà soċjali, u r-relazzjonijiet industrijali tal-artisti⁴⁰. Se tissieħeb ukoll mal-**inizjattiva Creators Learn Intellectual Property**, żviluppata mill-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprietà Intellettwali, li toffri appoġġ lill-professjonisti kreattivi dwar kwistjonijiet relatati mal-proprietà intellettwali.

4.2. Iffaċilitar tal-mobilità transfruntiera fil-kultura

Il-kollaborazzjoni u l-mobilità transfruntiera huma ċentrali kemm għall-karrieri tal-artisti kif ukoll għall-iżvilupp ta’ spazju kulturali Ewropew li jrawwem il-konnessjonijiet u d-djalogu bejn il-professjonisti kreattivi u maċ-ċittadini. Isservi wkoll bħala katalizzatur għall-kompetittività u għall-aċċess għal swieq ġodda, tagħmilha possibbli li x-xogħlijiet kulturali u kreattivi jiċċirkolaw b’mod aktar liberu lil hinn mill-fruntieri u jilhqqu udjenzi usa’, u tistimula t-tkabbir u l-iskala tal-ekonomija kreattiva tal-Ewropa.

L-appoġġ għall-kooperazzjoni transfruntiera kien fil-qalba tal-programm Ewropa Kreattiva b’aktar minn 22 000 professjonist li kisbu esperjenza internazzjonali mill-2014 sal-2020. Bit-tnedija tal-**iskema tal-mobilità Il-Kultura Ċċaqlaq l-Ewropa**⁴¹, żdiedu l-opportunitajiet ta’ mobilità. Mill-2022 sal-2025, l-iskema diġà appoġġat lil aktar minn 6 000 artist u professjonist kulturali minn 40 pajjiż, u ħolqot aktar minn 280 residenza artistika li laqgħu aktar minn 1 000 artist individwali.

Madankollu, għad hemm diversi ostakli li jillimitaw l-ilħuq ta’ dawn il-benefiċċji bis-sħiħ. L-organizzazzjonijiet, l-artisti u l-professjonisti fl-oqsma kulturali jħabbtu wiċċhom ma’ sfidi amministrattivi għaljin li jxekklu l-mobilità transfruntiera. Pereżempju, l-artisti li jixtiequ jitturjaw madwar l-Ewropa jeħtiġilhom jinnavigaw ostakli li jirriżultaw minn regoli relatati ma’ dispożizzjonijiet differenti dwar l-impjegi u s-sigurtà soċjali, il-potenzjal ta’ tassazzjoni doppja, u l-kumplessitajiet tal-forniment transfruntier tas-servizzi. Il-viżi u l-permessi tax-xogħol għal nazzjonali ta’ pajjiż terz spiss joħolqu aktar xkiel għaċ-ċirkolazzjoni u jżidu l-kostijiet.

Bil-Pakkett dwar il-Mobilità tax-Xogħol Ġusta futur, il-Kummissjoni se tippromovi inizjattivi li se jimmodernizzaw, jissimplifikaw u jiddiġitalizzaw ir-regoli u l-proċeduri fil-mobilità tal-forza tax-xogħol u l-moviment liberu. Dawn l-inizjattivi, bħall-**Pass Ewropew tas-Sigurtà Soċjali**, se jkun ta’ benefiċċju dirett għal dawk li jipparteċipaw fil-mobilità transfruntiera fil-kultura. **Investiment sostnut tal-UE fil-mobilità huwa essenzjali**, inkluż it-**tisħiħ tal-appoġġ għal Il-Kultura Ċċaqlaq l-Ewropa**.

4.3. Għoti ta’ vuċi liż-żgħażaġh fi ħdan l-istrutturi ta’ governanza kulturali filwaqt li jitravwem it-talent żaġħuġh u emerġenti

Iż-żgħażaġh għandhom rwol kruċjali fit-tiswir tal-kultura preżenti u futura. Il-fehmiet tagħhom jikkontestaw il-prattiki tradizzjonali u jwessgħu l-orizzonti tal-espressjoni artistika, ħaġa essenzjali għall-evoluzzjoni u għat-tiġdid tal-kreattività.

Iż-żgħażaġh jeħtiġilhom jiġu rrikonoxxuti bħala membri integrali tal-komunità kulturali. L-investiment fi spazji kreattivi mmexxija miż-żgħażaġh u li jappartjenu lill-komunità għandu jkun parti kbira mill-istrateġiji għall-iżvilupp tal-infrastruttura kulturali. L-għoti ta’ rwol

⁴⁰ [This is how we work - Mapping cultural and creative sector working conditions in the EU \(creativesunite.eu\)](https://creativesunite.eu).

⁴¹ [Culture Moves Europe - Culture and Creativity](https://culturemoves.eu).

sostanzjali liż-żgħażaġh fil-proċessi tat-tfassil tal-politika jagħtihom is-setgħa li jasserixxu d-drittijiet kulturali tagħhom.

Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa l-parteċipazzjoni sinifikattiva taż-żgħażaġh fit-tfassil tal-politika tal-UE permezz tal-istrumenti stabbiliti tagħha. Barra minn hekk, se twaqqaf **network ta' Ambaxxaturi Kulturali Żgħażaġħ** fejn jiġu diskussi kwistjonijiet tal-politika dwar il-kultura. Permezz tal-**Istrateġija dwar l-Ekwità Interġenerazzjonali** futura, il-Kummissjoni qed tippjana li - **permezz tal-preservazzjoni tal-wirt u lingwistika u l-innovazzjoni mmexxija mill-kultura** - tippromwovi l-**apprendiment interġenerazzjonali**.

Dawk li jfasslu l-politika dwar il-kultura madwar l-Ewropa għandhom jiffokaw ukoll aktar fuq l-artisti żgħażaġh u emerġenti u fuq il-professionisti kulturali żgħażaġh. Il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa u tħeġġeġ approċċi mmirati, inkluż permezz tal-**iskema tal-Pjattaformi** taħt il-fergħa tal-kultura tal-programm Ewropa Kreattiva, u **programmi ta' internships dedikati fil-qafas tal-Erasmus+**.

4.4. Provvista ta' edukazzjoni fil-kultura u fl-arti

Il-kultura u l-edukazzjoni huma ferm minsuġa flimkien. L-involviment edukattiv huwa fundamentali għall-istituzzjonijiet kulturali, u l-arti għandha rwol essenzjali fl-edukazzjoni u fl-iżvilupp tal-bniedem minn età bikrija⁴². L-integrazzjoni tal-edukazzjoni dwar il-kultura u l-arti fl-edukazzjoni u fit-taħriġ formali, mhux formali u informali - bħala komponenti ewlenin - trawwem sens ta' aġenzija, u ttejjeb l-espressjoni kreattiva, il-kisbiet akkademikċi, il-ħsieb kritiku, u l-benesseri tal-istudenti. L-Erasmus+ ippromwova għadd ta' proġetti dwar l-edukazzjoni dwar il-kultura u l-arti, inkluż bil-kooperazzjoni mal-mużewijiet u mal-libreriji.

Il-parteċipazzjoni fl-attivitajiet kulturali hija marbuta mill-qrib mal-involviment ċiviku u tgħin lin-nies jiżviluppaw il-kunfidenza, l-empatija, it-tolleranza u l-ħiliet ta' komunikazzjoni. Il-Kummissjoni se tiżviluppa **proġett ta' apprendiment bejn il-pari biex issaħħaħ l-involviment ċiviku u s-sens ta' ċittadinanza demokratika tal-istudenti** permezz tal-kultura, kemm fl-iskejjel kif ukoll madwar l-iskejjel.

L-edukazzjoni formali u l-apprendiment tul il-ħajja għandhom jisfruttaw il-kultura biex jiġu żviluppati ħiliet kreattivi essenzjali, inklużi l-ħiliet kritiċi biex l-UE tnaqqas id-diskrepanza fl-innovazzjoni u tħejji liż-żgħażaġh għal ekonomija li qed tinbidel malajr u għas-suq tax-xoġħol tal-futur. L-edukazzjoni u t-taħriġ fl-arti jistgħu joħlqu wkoll effetti kollaterali usa' billi jispiraw lill-iskejjel u lill-familji biex iżuru istituzzjonijiet kulturali, mużewijiet, teatri, u libreriji u biex jużawhom bħala spazji kreattivi għall-apprendiment. Madankollu, l-edukazzjoni dwar l-arti u l-kultura fl-iskola spiss ikollha status baxx, ma jkollhiex biżżejjed riżorsi, titqiegħed fil-periferija tal-politika f'xi Stati Membri, u spiss titwarrab fi żminijiet ta' limiti baġitarji.

Il-provvista tal-edukazzjoni dwar l-arti u l-kultura trid tissaħħaħ u l-kwalità tagħha trid ttejjeb. Il-Kummissjoni se **tippromwovi kooperazzjoni transsettorjali aktar b'saħħitha bejn il-politiki tal-kultura u tal-edukazzjoni**. Se trawwem sħubijiet fost l-artisti, l-istituzzjonijiet kulturali, l-organizzazzjonijiet kulturali komunitarji, l-iskejjel u l-fornituri tal-edukazzjoni mhux formali, u se tħeġġeġ proġetti ta' edukazzjoni dwar l-arti u l-kultura fil-livell lokali.

Permezz tal-**Unjoni tal-ħiliet tagħha, il-Kummissjoni qed tindirizza t-tnaqqis sinifikanti fil-qari tal-kotba**. Se tagħmel użu mill-ħidma esperta reċenti tal-Istati Membri u mill-inizjattivi

⁴² [Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar approċċi ta' taġlim imħallat għal edukazzjoni primarja u sekondarja ta' kwalità għolja u inklużiva \(2021/C 504/03\)](#).

tal-promozzjoni tal-qari bħall-**Jum Ewropew tal-Awturi**⁴³, **filwaqt li tikkapitalizza wkoll fuq ir-rwol importanti tal-libreriji** u tuża l-għarfien espert tagħhom. Il-**Koalizzjoni tal-UE għal-Litteriżmu**, imħabbra għall-2026, se tikkontribwixxi għal dan l-oġġettiv kruċjali⁴⁴.

4.5. Tisħiħ tas-saħħa u tal-benesseri permezz tal-kultura

Il-prattiki kulturali jtejbju s-saħħa, il-benesseri u l-kwalità tal-ħajja tal-individwi, tal-komunità u tas-soċjetà. L-integrazzjoni tal-kultura u tal-inizjattivi tas-saħħa wriet li hija effettiva fit-tisħiħ tar-rabtiet komunitarji, tar-reżiljenza emozzjonali u fiżika, fit-titjib tas-saħħa mentali, u fil-għieda kontra s-solitudni⁴⁵, u din tista' tgħin biex jiġu indirizzati l-isfidi tas-saħħa mentali tat-tfal u taż-żgħażaġh.

L-approċċ komprensiv tal-Kummissjoni tal-2023 għas-saħħa mentali⁴⁶ ħa l-ewwel pass billi rrikonoxxa li l-politiki tal-arti u tal-kultura jtejbju s-saħħa u l-benesseri mentali individwali u tas-soċjetà, u jappoġġaw ir-reżiljenza tas-saħħa mentali. Dan identifika l-preskrizzjoni soċjali tal-attivitajiet kulturali f'ambjenti ta' kura primarja bħala approċċ innovattiv possibbli f'dan ir-rigward. Il-proġetti ffinanzjati mill-UE dwar dan is-suġġett ipprovdew aktar għarfien⁴⁷, identifikaw l-aħjar Prattiki, u għenu biex tiżdied is-sensibilizzazzjoni pubblika.

Ir-rakkomandazzjonijiet ta' politika tal-2025 mill-esperti tal-kultura u tas-saħħa tal-Istati Membri tal-UE⁴⁸ appellaw għal miżuri kuraġġużi bħall-istabbiliment ta' strateġiji transsettorjali, l-iżgurar ta' finanzjament sostenibbli biex titmexxa 'l quddiem ir-riċerka u jiġi żgurat aċċess ekwu. Il-Kummissjoni, bl-appoġġ tal-esperti, se tiżviluppa **linji gwida tal-UE dwar il-kultura, is-saħħa u l-benesseri** għal dawk li jfasslu l-politika u għall-partijiet ikkonċernati. Se tkompli wkoll tħeġġeġ skambji regolari ta' Prattiki tajbin f'dan il-qasam, filwaqt li tappoġġa l-kollaborazzjoni transfruntiera permezz ta' Ewropa Kreattiva.

5. UE li tuża l-kultura u l-wirt kulturali biex tkun aktar kompetittiva, reżiljenti u koeżiva

Is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi huma fost l-aktar setturi ekonomiċi dinamiċi tal-Ewropa u jagħtu spinta lill-innovazzjoni u lill-kompetittività, joħolqu l-impjiegi, u jtejbju l-attraenza tal-bliet u tar-reġjuni tagħna. L-istart-ups tat-teknoloġija diġitali huma attivi ħafna fl-industriji kulturali u kreattivi⁴⁹. Il-kultura tiġġenera wkoll effetti konsegwenzjali importanti fuq it-tkabbir f'setturi oħra. Pereżempju, it-turiżmu kulturali jammonta għal 40 % tat-turiżmu Ewropew kollu⁵⁰.

⁴³ [European Authors Day - Culture and Creativity](#).

⁴⁴ Il-Koalizzjoni Ewropea għal-Litteriżmu tħabbret fil-[Pjan ta' Azzjoni dwar il-Filiet Bażiċi](#), il-Kummissjoni Ewropea, Marzu 2025.

⁴⁵ [What is the evidence on the role of the arts in improving health and well-being? A scoping review](#), WHO, 2019.

⁴⁶ [Approċċ komprensiv għas-saħħa mentali - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

⁴⁷ Bħall-proġett CultureForHealth.

⁴⁸ Il-Kummissjoni Ewropea: Id-Direttorat Ġenerali għall-Edukazzjoni, iż-Żgħażaġħ, l-Ispport u l-Kultura, *Culture and health – Time to act*, l-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea, 2025, <https://data.europa.eu/doi/10.2766/0432398>

⁴⁹ Mill-ekosistemi industrijali kollha, l-industriji kulturali u kreattivi jattiraw wieħed mill-ogħla ishma ta' start-ups tat-teknoloġija, flimkien mas-saħħa u mal-mobilità. Aktar informazzjoni: [Il-Kummissjoni Ewropea, "Ir-Rapport Annwali dwar is-Suq Uniku u l-Kompetittività għall-2024"](#).

⁵⁰ [L-Organizzazzjoni Dinjija tat-Turiżmu tan-Nazzjonijiet Uniti \(UNWTO \(United Nations World Tourism Organisation\), "Report on Tourism and Culture Synergies", 2018](#). Barra minn hekk, f'rapport tal-2021, skont il-UNWTO, il-postijiet li jidhru fi produzzjonijiet popolari tal-films jew televiżivi jesperjenzaw żieda medja ta' bejn 25 % u 40 % fil-viżitaturi.

Il-produzzjoni kulturali u kreattiva tal-Ewropa għad għandha potenzjal li ma huwiex jiġi sfruttat kemm fi ħdan is-Suq Uniku tal-UE kif ukoll globalment. Sabiex jiġu sfruttati l-potenzjal u l-kontribut tagħhom għall-kompetittività tal-UE, is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi jridu jiġu appoġġati tul it-tranżizzjonijiet li jiffaċċjaw. Dan irid isir b'mod li jiżgura l-promozzjoni tad-diversità, il-protezzjoni tad-drittijiet tal-kreaturi, iż-żamma ta' standards etiċi adegwati, u s-salvagwardja tal-wirt kulturali, inkluż il-wirt diġitali.

Minbarra l-miżuri trażversali applikabbli fis-setturi kollha, is-setturi individwali jħabbtu wiċċhom ma' sfidi u ma' ħtiġijiet speċifiċi li l-Kummissjoni se tkompli tindirizza permezz ta' inizzjattivi settorjali, formati ta' kooperazzjoni pprovati⁵¹ u flussi ta' finanzjament⁵² li huma konsistenti mal-għanijiet ta' politika globali.

5.1. Sfruttar tat-teknoloġija diġitali u tal-IA fis-setturi u fl-industriji kulturali u kreattivi

Is-setturi u l-industriji kulturali u kreattivi qed jibbenefikaw mit-teknoloġiji diġitali u qed jiġu ttrasformati minnhom. B'mod partikolari, l-IA qed tbiddel il-mod kif tinħoloq, tiġi aċċessata u esperjenzata l-kultura. Din toffri opportunitajiet ġodda għall-innovazzjoni u għall-involvement tal-udjenza, inkluż billi tappoġġa l-wirt kulturali permezz ta' restawr, rikostruzzjoni, preservazzjoni, użu mill-ġdid adattiv għall-produzzjonijiet virtwali, u involviment imsaħħaħ tal-utenti. Fl-istess ħin, l-IA tqajjem ukoll sfidi ġodda, b'mod partikolari fir-rigward tad-drittijiet tal-awtur u l-użu mhux awtorizzat ta' kontenut protett bid-drittijiet tal-awtur fit-taħriġ ta' mudelli tal-IA ġenerattiva, l-użu etiku, id-diversità kulturali, l-ispostament tal-impjeggi, ir-remunerazzjoni ġusta għall-kreaturi u l-ħtiġijiet f'termini ta' ħiliet. Barra minn hekk, l-attenzjoni għal kwistjonijiet bħall-proliferazzjoni ta' kontenut iġġenerat mill-IA, l-aċċess għad-data u għall-finanzjament, u d-dipendenza fuq teknoloġija mhux tal-UE hija kruċjali. L-adozzjoni tal-IA fis-setturi kulturali u kreattivi għadha ma hijiex uniformi⁵³, u dan iżid ukoll il-ħtieġa li jiġu kkultivati ħiliet avvanzati.

Ambjent regolatorju li jħares lejn il-futur u abilitanti huwa essenzjali għas-setturi u għall-industriji kulturali u kreattivi tal-Ewropa. L-UE qed tiżviluppa qafas regolatorju⁵⁴ li jappoġġa lill-kreaturi u lil atturi settorjali oħra li jinvestu fil-ħolqien u fit-talenti kreattivi billi jiproteġi l-kontenut kreattiv, jappoġġa r-remunerazzjoni ġusta, u jistabbilixxi standards għal IA affidabbli u ċċentrata fuq il-bniedem.

Id-Direttiva tal-2019 dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali⁵⁵ tikkontribwixxi għall-appoġġ tal-innovazzjoni filwaqt li tippermetti lill-kreaturi jikkontrollaw l-użu tal-kontenut tagħhom. L-Att dwar l-IA għandu l-għan li, fost affarijiet oħra, jiżgura żvilupp u varar tal-IA li jirrispettaw id-drittijiet tal-kreaturi, f'konformità mad-direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur. Il-Kummissjoni se tkompli tiffaċilita l-implimentazzjoni tal-aspetti relatati mad-drittijiet tal-awtur tal-Att dwar l-IA, u r-rekwiżiti ta' trasparenza għall-kontenut iġġenerat mill-IA kif ukoll l-

⁵¹ Pereżempju, il-[Grupp ta' esperti dwar il-wirt kulturali](#), il-[Forum Ewropew tal-Films](#) jew l-inizzjattiva [Il-Mużika Ċċaqċaq l-Ewropa](#).

⁵² Pereżempju, il-fergħa tal-Media tal-programm Ewropa Kreattiva li tkopri s-settur awdjoviżiv jew il-finanzjament immirat ipprovdut lill-Arti tal-Ispettaklu (Perform Europe) taħt il-fergħa tal-Kultura tal-programm Ewropa Kreattiva.

⁵³ 51 % tal-kumpaniji tal-logħob vidjo, 39 % tal-kumpaniji awdjoviżivi, u 35 % tal-kumpaniji tal-media tal-aħbarijiet adottaw soluzzjonijiet ibbażati fuq l-IA. Ir-Rapport tal-2025 dwar il-Prospettiva tal-Industrija Ewropea tal-Media | Shaping Europe's digital future.

⁵⁴ Dan jinkludi notevolment id-[Direttiva \(UE\) 2019/790](#), id-[Direttiva \(UE\) 2018/1808](#), ir-[Regolament \(UE\) 2022/2065](#), ir-[Regolament \(UE\) 2022/1925](#), ir-[Regolament \(UE\) 2024/1689](#) u r-[Regolament \(UE\) 2024/1083](#).

⁵⁵ Id-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE.

implimentazzjoni effettiva tal-eċċezzjonijiet tal-estrazzjoni ta' test u ta' data⁵⁶. Hemm bżonn ukoll ta' pożizzjonament ċar tal-UE dwar l-applikazzjoni ta' regoli internazzjonali għall-pagamenti tar-royalties.

L-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA⁵⁷ se tappoġġa l-adozzjoni tal-IA fis-setturi kulturali, kreattivi u tal-media għal każijiet ta' użu speċifiċi, bħall-produzzjoni virtwali, il-media interattiva u immersiva, l-iskopribbiltà tal-kontenut kulturali (b'mod partikolari l-kontenut mużikali u letterarju), u t-tewmin diġitali 3D ta' siti u ta' artefatti kulturali. L-Istrateġija għall-Applikazzjoni tal-IA tħabbar ukoll it-tnejja ta' studju dwar l-isfidi legali relatati mal-outputs iġġenerati mill-IA u s-soluzzjonijiet teknoloġiċi għall-prevenzjoni u għall-mitigazzjoni tar-riskji li l-kontenut tal-IA jikser id-drittijiet tal-awtur. Barra minn hekk, il-Kummissjoni se tirreżamina d-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur fis-Suq Uniku Diġitali (DSM, Digital Single Market) tal-2019 u se tkompli tissorvelja l-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq u se teżamina l-ħtieġa possibbli għal aktar titjib fil-qafas legali tad-drittijiet tal-awtur biex jiġu indirizzati l-isfidi mqajma mill-iżviluppi teknoloġiċi u tas-suq.

Biex tappoġġa din il-ħidma, il-Kummissjoni qed tippjana li tiżviluppa **strateġija ġdida għall-IA għas-setturi kulturali u kreattivi** u se tqis il-ħtiġijiet speċifiċi tagħhom fil-politiki diġitali futuri tagħha sabiex l-Ewropa tkun tista' tisfrutta r-rikkezza kulturali u l-kreattività umana tagħha flimkien mal-avvanzi teknoloġiċi.

L-edukazzjoni, il-litteriżmu u l-ħiliet diġitali huma essenzjali għall-interazzjoni b'mod kritiku u kreattiv mal-ambjenti kulturali diġitali. L-Unjoni tal-ħiliet tikkonsolida r-rwol ċentrali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fit-tisħiħ tal-kompetittività u tas-sovranità tal-UE. Filwaqt li jibni fuq il-kisbiet tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Edukazzjoni Diġitali, Pjan Direzzjonali għall-2030 dwar il-futur tal-edukazzjoni u tal-ħiliet diġitali se jikkontribwixxi għat-twessigħ u għall-appfondiment tal-ħiliet diġitali għall-kreattività, l-esperjenzi immersivi u l-innovazzjoni artistika, id-diġitalizzazzjoni, il-litteriżmu fil-media, is-sensibilizzazzjoni dwar iċ-ċibersigurtà, u l-aċċess diġitali multilingwi. Il-Kummissjoni se tipprovi aċċess għal taħriġ prattiku dwar il-litteriżmu fl-IA u se tappoġġa t-taħriġ ta' profili multidixxiplinari għal setturi aktar intensivi f'termini diġitali li jeħtieġu talent settorjali fl-IA, inklużi s-setturi kulturali, kreattivi u tal-media.

L-isfruttar tat-trasformazzjoni diġitali jinvolvi wkoll l-użu ulterjuri tal-potenzjal innovattiv tas-setturi kulturali, b'mod partikolari permezz ta' proġetti tal-UE ffinanzjati minn Orizzont Ewropa jew il-ħidma ta' istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja biex jitnaqqsu l-lakuni fl-għarfien u tiġi promossa l-intraprenditorija.

5.2. Il-promozzjoni tal-iżvilupp reġjonali, territorjali u lokali mmexxi mill-kultura

L-opportunitajiet u l-infrastruttura kulturali jridu jkunu disponibbli b'mod ekwu bejn l-Istati Membri, ir-reġjuni u t-territorji, inkluż f'żoni periferali, rurali, tal-gżejjer, kostali u remoti, u r-reġjuni ultraperiferiċi tal-UE, li jiffaċċjaw sfidi bħad-depopolazzjoni, it-tixjiħ demografiku,

⁵⁶ Il-Kummissjoni ffaċilitat it-tfassil ta' Kodiċi ta' Prattika biex jiġu spjegati r-regoli tal-IA bi Skop Ġenerali (GPAI, General-Purpose AI) li ġie approvat bħala adegwat biex il-fornituri joqogħdu fuqu biex juru l-konformità mal-obbligu tagħhom skont l-Att dwar l-IA. Adottat ukoll mudell għall-fornituri tal-mudelli tal-GPAI biex tiġbor fil-qosor il-kontenut użat għat-taħriġ tal-mudelli tagħhom. Għadu għaddej studju dwar il-fatibbiltà ta' regjistru ta' esklużjonijiet fakultattivi taħt l-eċċezzjoni tal-Estrazzjoni ta' Test u ta' Data (TDM, Text and Data Mining) u huwa ppjanat studju ieħor biex jgħin fil-valutazzjoni tar-regoli fid-Direttiva dwar id-drittijiet tal-awtur fis-Suq Uniku Diġitali, inkluża l-eċċezzjoni tat-TDM. Barra minn hekk, il-Kummissjoni nediet proċess biex jitfassal Kodiċi ta' Prattika ġdid għat-trasparenza tal-kontenut iġġenerat bl-IA f'konformità mal-Artikolu 50 tal-Att dwar l-IA.

⁵⁷ COM(2025) 723 final.

ostakli ġeografiċi, u inqas servizzi u servizzi agħar. Madankollu, madwar 38 % tal-Ewropej fiż-żoni rurali jaraw id-distanza mill-postijiet kulturali bħala ostaklu għall-aċċess⁵⁸.

Huwa essenzjali li dawn id-diskrepanzi jiġu indirizzati biex jiġi sfruttat bis-sħiħ il-potenzjal soċjetali tal-kultura u jiġi appoġġat id-dritt effettiv li wieħed jibqa' fit-territorju. Dan jeħtieġ politiki kulturali u miżuri ta' investiment li huma **inkorporati fi pjanijiet ta' żvilupp territorjali integrati usa' u mfassla speċifikament għall-ħtiġijiet lokali. It-turiżmu kulturali wkoll jaqdi rwol kruċjali fil-preservazzjoni u fil-promozzjoni tal-wirt kulturali tal-Ewropa.**

F'dan ir-rigward, il-Politika ta' Koeżjoni tal-UE għandha rwol ċentrali. Mill-2021 sal-2027, ġew allokati aktar minn EUR 5 biljun għal investimenti diretti fil-kultura u fil-wirt kulturali fir-reġjuni u fit-territorji kollha, li jappoġġaw aktar minn 24 000 sit tal-kultura, tal-wirt kulturali u tat-turiżmu⁵⁹. B'mod komplementari, il-Politika Agrikola Komuni (PAK) tipprovdi wkoll appoġġ għall-kultura fiż-żoni rurali. Dan l-appoġġ għin biex jissaħħaħ ir-rwol tal-kultura fl-iżvilupp soċjoekonomiku u territorjali. Il-Kummissjoni tkompli tħeġġeġ il-ħidma biex tiżgura li jsir aktar progress f'dan il-qasam f'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali u mal-partijiet ikkonċernati rilevanti.

B'għajnejna fuq il-futur, **l-Istrateġija tal-UE għat-Turiżmu Sostenibbli**⁶⁰ se tkompli tippromwovi t-turiżmu kulturali sostenibbli bħala katalizzatur għall-protezzjoni tal-wirt, għall-koeżjoni soċjali, għas-sostenibbiltà ambjentali, u għall-kompetittività ekonomika madwar l-Ewropa. Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed taħdem fuq l-iżvilupp ta' proġett ta' apprendiment bejn il-pari biex **tespandi l-opportunitajiet għall-professionisti kulturali u kreattivi fiż-żoni rurali, bl-għan li ttejjeb l-attraenza reġjonali u żżomm liż-żgħażaġh.** Barra minn hekk, **il-Faċilità tal-Bahaus Ewropea l-Ġdida 2025-2027 se tiffinanzja wkoll proġetti li għandhom l-għan li jerġgħu jagħtu ħajja lill-viċinati permezz ta' disinn sostenibbli, inklużiv u ta' kwalità.**

Ir-rwol tal-kultura biex tagħti ħajja ġdida lill-postijiet huwa daqstant ieħor evidenti f'kuntesti urbani. Matul l-aħħar 40 sena, l-inizjattiva **Kapitali Ewropej tal-Kultura (ECOC, European Capitals of Culture)**⁶¹ stimulat b'suċċess l-offerta kulturali fil-bliet ospitanti. Din tejbet il-vibranza kulturali, xprunat it-tkabbir ekonomiku, u saħħet ir-rabtiet komunitarji fi bliet madwar l-Ewropa. Filwaqt li tibni fuq dan is-suċċess, il-Kummissjoni tibqa' impenjata li tmexxi 'l quddiem l-inizjattiva u se tipproponi **bażi legali ġdida biex tkompli l-azzjoni u ssaħħaħ l-ECOC lil hinn mill-2033.**

5.3. Salvagwardja, protezzjoni u promozzjoni tal-wirt kulturali, filwaqt li jittejbu l-koeżjoni u r-reżiljenza

Il-promozzjoni, il-preservazzjoni u l-protezzjoni tal-wirt kulturali, inkluża d-dimensjoni diġitali tiegħu, jibqgħu prijorità ewlenija tat-tfassil tal-politika u tal-finanzjament tal-UE, appoġġati permezz ta' inizjattivi bħaċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew, il-Jiem Ewropej tal-Wirt, il-Premjijiet tal-Wirt Ewropew/il-Premjijiet Europa Nostra u ċ-Ċentru tal-Wirt Ewropew. Filwaqt li tibni fuq dawn il-kisbiet, il-Kummissjoni se **ġġedded u ssaħħaħ iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew** biex tiżgura li dan jibqa' rilevanti.

⁵⁸ [L-Ewrobarometru Speċjali 562. Europeans' attitudes towards culture.](#)

⁵⁹ Id-data dwar l-allokazzjonijiet tal-UE għall-kultura u għall-wirt kulturali taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (inkluż taħt il-fergħa tiegħu tal-Kooperazzjoni Territorjali Ewropea - Interreg) ġiet estratta fit-8 ta' Settembru 2025. Iċ-ċifri jirriflettu biss l-allokazzjonijiet diretti.

⁶⁰ [Strateġija tal-UE għat-turiżmu.](#)

⁶¹ [European Capitals of Culture - Culture and Creativity.](#)

Il-Kummissjoni **tappoġġa d-diġitalizzazzjoni u t-trasformazzjoni diġitali tas-settur tal-wirt kulturali** permezz ta' inizzjattivi bħal Europeana, li issa tinkludi aktar minn 65 miljun oġġett diġitali⁶², u l-Cloud għall-Wirt Kulturali⁶³ jew l-Ispazju Komuni Ewropew tad-Data għall-Wirt Kulturali⁶⁴. Dawn l-azzjonijiet itejbu l-aċċess għal data ta' kwalità għolja (inkluż 3D), irawmu l-użu mill-ġdid fost is-setturi, u jħaffu l-adozzjoni ta' teknoloġiji emerġenti permezz ta' opportunitajiet ta' taħriġ u ta' titjib tal-ħiliet. Il-Kummissjoni se tkompli bl-azzjonijiet ta' appoġġ tagħha f'dan il-qasam.

Il-wirt qed jiffaċċja bosta riskji: diżastri kkawżati mill-bniedem, bħall-kunflitti armati, it-tibdil fil-klima u d-degradazzjoni ambjentali, u l-perikli naturali,⁶⁵ kif muri mill-gwerra Russa ta' aggressjoni kontra l-Ukrajna, u n-nirien fis-selvaġġ, it-terremoti u l-ġhargħar reċenti madwar l-Ewropa. Għalhekk, huwa urġenti li jinħolqu u jiġu implimentati pjanijiet ta' tħejjija għall-kriżijiet u ta' ġestjoni tar-riskji, mekkaniżmi ta' kooperazzjoni u proċeduri fil-qasam tal-kultura u tal-wirt.

F'konformità mal-Pjan ta' Ħidma tal-UE għall-Kultura 2023-2026 u l-Istrateġija tal-UE għal Unjoni tal-Preparatezza⁶⁶, l-UE qed ittejjeb il-kooperazzjoni u l-preparatezza permezz ta' mekkaniżmi bħall-Mekkaniżmu tal-UE għall-Protezzjoni Ċivili u inizzjattivi bħal PROCULTHER⁶⁷, u l-proġett immexxi mill-ICCROM⁶⁸ READY⁶⁹ li jsaħħaħ il-kapaċitajiet tal-Istati Membri għall-immaniġġjar effettiv tar-riskji għall-wirt minn diżastri, minn eventi estremi relatati mal-klima u minn kunflitti. F'dan il-qasam qed tiġi appoġġata riċerka rivoluzzjonarja permezz tal-Programm Orizzont Ewropa, u l-Kummissjoni akkumulat esperjenza Prattika filwaqt li appoġġat il-wirt kulturali u l-artisti tal-Ukrajna. Il-Kummissjoni se tkompli tikkollabora mal-Istati Membri biex tiżgura l-preservazzjoni u l-aċċess kontinwu għall-wirt diġitali ta' valur (inkluż il-wirt b'oriġini diġitali) fid-dawl tar-riskji u se ttejjeb il-preservazzjoni tal-wirt kulturali diġitali lil hinn mill-fruntieri nazzjonali, ħaġa li hija ta' importanza dejjem akbar fid-dawl tat-theddid naturali, ċibernetiku u theddid ieħor li qed jikber.

Il-ġlieda kontra t-traffikar ta' beni kulturali wkoll hija ċentrali għall-protezzjoni tal-wirt kulturali u tal-memorja kollettiva. Reati bħas-serq, l-iskavar illegali, is-sakkeġġ u l-falsifikazzjoni għandhom impatt dirett fuq l-identitajiet, il-koeżjoni u r-reżiljenza tal-komunitajiet, b'mod partikolari f'żoni ta' kriżi u ta' kunflitt, u jistgħu jkunu sors ta' qligħ għall-kriminalità organizzata, għal xi partijiet f'kunflitti jew għat-terroristi. Il-beni kulturali jistgħu jkunu attraenti għal reati relatati bħall-ħasil tal-flus, l-evażjoni tas-sanzjonijiet jew l-evażjoni tat-taxxa, li jpoġġuhom f'riskju.

Il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Beni Kulturali⁷⁰, ir-Regolament tal-UE dwar l-introduzzjoni u l-importazzjoni ta' beni kulturali⁷¹, id-Direttiva Kontra l-ħasil tal-Flus⁷² u

⁶² [Metis Statistics Dashboard](#).

⁶³ [The Cultural Heritage Cloud - Il-Kummissjoni Ewropea](#)

⁶⁴ [The Common European Data Space for Cultural Heritage](#).

⁶⁵ [Il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-approċċ tal-UE għall-wirt kulturali f'konflitti u kriżijiet u l-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-ġestjoni tar-riskju fil-qasam tal-wirt kulturali 2020/C 186/01](#).

⁶⁶ [Preparedness - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

⁶⁷ [PROCULTHER](#) – Protezzjoni tal-Wirt Kulturali mill-Konsegwenzi tad-Diżastri.

⁶⁸ ICCROM tfisser iċ-Ċentru Internazzjonali għall-Istudju tal-Preservazzjoni u tar-Restawr tal-Proprietà Kulturali.

⁶⁹ [READY - Reżiljenza għall-Wirt fil-Każ ta' Diżastri, Riskji Klimatiċi u Emerġenzi Kumpleksi](#).

⁷⁰ [COM\(2022\) 800 Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar il-Pjan ta' Azzjoni tal-UE kontra t-Traffikar ta' Beni Kulturali](#).

⁷¹ [Ir-Regolament \(UE\) 2019/880](#).

⁷² [Id-Direttiva \(UE\) 2024/1640](#).

diversi proġetti ta' riċerka ffinanzjati mill-UE⁷³ pprovdew qafas sod għal azzjoni koordinata li għaddejjja u futura f'dan il-qasam. Il-Kummissjoni tikkollabora wkoll mal-Kunsill Internazzjonali tal-Mużewijiet fuq il-prevenzjoni, ir-riċerka, l-investigazzjoni u s-sigurtà tal-mużewijiet, inkluża r-rinnovazzjoni tal-Osservatorju Internazzjonali dwar it-Traffikar Illeċitu ta' Beni Kulturali tiegħu, u stabbiliet djalogu mas-suq tal-arti għall-iskambju ta' informazzjoni u għall-promozzjoni ta' prattiki etiċi.⁷⁴

Fil-futur, il-Kummissjoni se tkompli tappoġġa t-titjib tat-traċċabbiltà tal-beni kulturali, tappoġġa d-diliġenza dovuta u l-użu ta' teknoloġiji innovattivi u timmobilizza lill-partijiet ikkonċernati kollha biex jiġi protett aħjar il-wirt kulturali u jiġu miġġielda r-reati relatati mal-wirt.

5.4. Perkorsi kreattivi li jindirizzaw it-tibdil fil-klima u s-sostenibbiltà ambjentali

Is-setturi kulturali għandhom jiġu mmobilizzati ulterjorment biex jiggwidaw l-azzjoni klimatika u dwar il-biodiversità, filwaqt li l-atturi kulturali għandhom jingħataw is-setgħa biex imexxu t-tranżizzjoni ekoloġika. Il-Kummissjoni se tkompli tippromwovi d-djalogu bejn il-partijiet ikkonċernati kulturali u ambjentali, inkluż billi torganizza **workshop dwar ir-rwol tal-kultura u tal-arti għal għajxien sostenibbli**.

Il-promozzjoni ta' kultura komuni tal-arkitettura u tad-disinn u l-investment f'ambjent ta' għajxien ta' kwalità għolja għal kulħadd permezz ta' inizjattivi bħall-**Bahaus Ewropea l-Ġdida** għandhom importanti. Biex tisfrutta s-setgħa trasformattiva tal-arti u tal-kultura għall-kreattività u għall-innovazzjoni, il-Kummissjoni se tadotta **Komunikazzjoni u proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-futur tal-Bauhaus Ewropea l-Ġdida (NEB, New European Bauhaus)** u se tfittex li tappoġġa aktar il-kultura permezz ta' inizjattivi relatati.

Is-setturi kulturali jeħtieġ li jindirizzaw kwistjonijiet bħall-effiċjenza enerġetika, li fil-każ tal-wirt għandha tkun ibbilanċjata mar-rispett tal-integrità tiegħu. L-għodod u l-inizjattivi prattiċi għandhom jiġu promossi ulterjorment, bħall-kalkolatur tal-karbonju tal-MEDIA għall-produzzjonijiet awdjoviżivi Ewropej li bħalissa qed jiġi żviluppat b'appoġġ mill-fergħa tal-MEDIA tal-programm Ewropa Kreattiva⁷⁵ jew il-Proġett Go Green għall-konservazzjoni tal-wirt, iffinanzjat minn Orizzont Ewropa⁷⁶.

Filwaqt li jibni fuq il-progress li sar, l-appoġġ tal-UE għall-isforzi ta' ekoloġizzazzjoni tas-setturi kulturali se jkompli. Eżempju wieħed huwa t-tnedija ppjanata ta' **Sħubija Ewropea ġdida u ambizzjuża tar-R&I għal Wirt Kulturali Reżiljenti**, ikkofinanzjata minn Orizzont Ewropa u li tikkomplementa cluster ta' azzjonijiet tar-R&I li għaddejjin bħalissa. Din se tinvesti fir-riċerka u fl-innovazzjoni biex ittejjeb il-preservazzjoni tal-wirt kulturali tal-Ewropa u biex tikkontribwixxi għan-newtralità klimatika billi tmexxi 'l quddiem prattiki, tekniki u materjali tradizzjonali u innovattivi identifikati permezz tar-riċerka dwar il-wirt kulturali. Il-Kummissjoni se tkompli wkoll tippromwovi l-integrazzjoni sħiħa tal-**kultura u l-wirt kulturali fl-aġenda internazzjonali** dwar l-adattament **għat-tibdil fil-klima** permezz ta' mekkaniżmi ta' koordinazzjoni rilevanti u fora internazzjonali.

6. UE favur ir-relazzjonijiet u s-sħubijiet kulturali internazzjonali

⁷³ [Innovations for combatting trafficking in cultural goods - L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-UE.](#)

⁷⁴ [Is-Sottogrupp dwar is-Suq tal-Arti \(E03650/2\) - Reġistru ta' gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni u ta' entitajiet simili oħrajn.](#)

⁷⁵ [Kalkolatur komuni tal-emissjonijiet tal-karbonju għas-settur awdjoviżiv Ewropej: lejn futur konxju mill-ambjent.](#)

⁷⁶ [GoGreen project.](#)

Il-preservazzjoni tal-paċi, il-prevenzjoni tal-kunflitti, u t-tisħiħ tas-sigurtà internazzjonali huma parti mir-*raison d'être* tal-Unjoni u fost l-oġettivi ewlenin tal-azzjoni esterna tagħha. Il-kultura tikkontribwixxi għal dawn l-isforzi bħala faċilitatur tal-paċi, katalizzatur għall-iżvilupp sostenibbli, u pont bejn in-nies.

Fix-xenarju ġeopolitiku fraġli kurrenti, bil-manipulazzjoni tal-informazzjoni u interferenza minn barranin, il-kultura dejjem qiegħda ssir aktar dominju strateġiku ta' influwenza. Fuq l-iskala globali, xi pajjiżi qiegħdin jużaw il-kultura b'mod attiv biex isawru l-perċezzjonijiet u l-identitajiet biex jilleġittimaw l-oġettivi politiċi. Sabiex tibqa' reżiljenti u kredibbli, l-UE jeħtiġilha tirrikonoxxi u tirreaġixxi għal din ir-realtà billi ssaħħaħ l-approċċ tagħha mmexxi mill-valuri fir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali tagħha, billi tisfrutta d-diversità kulturali għanja tagħha bħala assi strateġiku li jsaħħaħ l-azzjoni esterna, irawwem ir-reżiljenza, l-istabbiltà, u r-rikonċiljazzjoni tas-soċjetà u jikkontribwixxi għas-sigurtà kollettiva tagħna.

Huwa mistenni dejjem aktar mill-Istati Membri tal-UE, mis-sħab, u mill-organizzazzjonijiet internazzjonali li l-UE taġixxi b'aktar konsistenza u ambizzjoni fil-qasam kulturali fil-livell globali u f'kuntesti multilaterali. Il-valur miżjud tal-UE jinsab fil-fatt li hija aktar mit-totalità tal-partijiet tagħha, kif muri wkoll mill-preżenza tagħha f'avvenimenti kulturali u tad-diplomazija pubblika kbar f'pajjiżi sħab.

6.1. Integrazzjoni strateġika tal-kultura fl-azzjoni esterna tal-UE

Billi tiżviluppa d-dimensjoni esterna tal-Boxxla Kulturali, l-UE tista' tipproteġi u tippromwovi d-diversità kulturali, issaħħaħ ir-rwol globali tagħha, u twassal benefiċċji tanġibbli għas-soċjetajiet madwar id-dinja. Biex dan jinkiseb, huma meħtieġa rieda politika, azzjoni koordinata, u impenn komuni biex il-kultura ssir parti integrali mill-interazzjoni tal-Ewropa mad-dinja u riżorsa strateġika għaliha. Id-Delegazzjonijiet tal-UE jaqdu rwol importanti f'dan ir-rigward.

Abbażi ta' esperjenzi bħall-pakkett "Tim Ewropa għall-Wirt Kulturali fl-Ukrajna" u l-approċċ ta' Tim Ewropa dwar it-"Tisħiħ tas-Sħubijiet bejn Mużewijiet Afrikani u Ewropej", dawn il-mudelli għandhom jiġu applikati b'mod aktar sistematiku, inkluż f'reġjuni li qed jiffaċċjaw diżastri naturali, kunflitt armat, jew instabbiltà ekonomika. Il-Pjattaforma tar-Relazzjonijiet Kulturali (CPR, Cultural Relations Platform) introduċiet approċċ imġedded billi poġġiet l-involvement fil-qalba tagħha, abbażi ta' djalogu mmexxi miż-żewġ partijiet, il-ħolqien konġunt u s-sħubijiet sostenibbli. Il-proġett tal-Ispazji Ewropej tal-Kultura wera li l-inizjattivi kulturali maħluqa b'mod konġunt u b'għeruq lokali jistgħu jsaħħu l-fehim reċiproku u jiġġeneraw impatt dejjiemi. Biex issostni dawn l-isforzi, il-Kummissjoni se **tniedi fażi ġdida tas-CPR globalment**. Se tkompli wkoll il-**kooperazzjoni mill-qrib tagħha man-network tal-Istituti Nazzjonali tal-UE għall-Kultura** biex tavanza r-relazzjonijiet kulturali internazzjonali.

Sabiex il-valur tal-kultura jiġi rrikonoxxut bħala pilastru strateġiku ewleni tal-azzjoni esterna tal-UE, l-UE se ssaħħaħ l-integrazzjoni sistematika u strateġika tal-kultura fil-politiki u fil-programmi esterni tagħha, inkluż permezz tal-istrateġija Global Gateway tagħha. Għandhom jiġu mmobilizzati b'mod kostanti strumenti rilevanti, bħall-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali (NDICI, Neighbourhood, Development and International Cooperation Instrument)-Ewropa Globali⁷⁷.

⁷⁷ Ir-Regolament (UE) 2021/947 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi l-Istrument ta' Viċinat, ta' Kooperazzjoni għall-Iżvilupp u ta' Kooperazzjoni Internazzjonali – Ewropa Globali, li jemenda u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 466/2014/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u li jħassar ir-Regolament (UE) 2017/1601 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KE, Euratom) Nru 480/2009; [Il-Ġurnal Uffiċjali L 209/2021](#).

Sabiex jiġi mmassimizzat l-impatt, il-politiki u l-azzjonijiet tar-relazzjonijiet kulturali internazzjonali għandhom itejbu u jħeġġu l-kollaborazzjoni transsettorjali bejn il-kultura u l-affarijiet barranin fil-livelli lokali, reġjonali u nazzjonali, u mal-partijiet ikkonċernati. Il-kollaborazzjoni f'diversi livelli u transsettorjali tiżgura li l-azzjoni kulturali tirrifletti kemm il-prijoritajiet ta' politika kif ukoll il-ħtiġijiet tal-komunitajiet fil-prattika. F'dan l-ispirtu, il-Kummissjoni u r-Rappreżentant Għoli u Viċi President (HRVP, High Representative and Vice-President) se jipproponu li tiġi aġġornata l-**Istrateġija tal-UE dwar ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali** (il-Komunikazzjoni Konġunta tal-2016⁷⁸).

6.2. It-tisħiħ tal-kooperazzjoni kulturali fil-proċessi tat-tkabbir u tal-integrazzjoni, kif ukoll fir-relazzjonijiet mal-pajjiżi u mar-reġjuni tal-viċinat

Il-kooperazzjoni kulturali għandha rwol vitali biex il-pajjiżi kandidati tal-UE u l-kandidati potenzjali jinġiebu eqreb tal-UE. L-allinjament tal-politiki kulturali tagħhom mal-istandards tal-UE, it-trawwim ta' skambji professjonali, u l-preservazzjoni u l-kontribut għad-diversità kulturali jistgħu jgħinuhom isaħħu l-perkorsi ta' integrazzjoni tagħhom. Programmi tal-UE bħal Ewropa Kreattiva, EU4Culture⁷⁹, l-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA, Instrument for Pre-Accession Assistance)⁸⁰, u l-Assistenza Teknika u Skambju ta' Informazzjoni (TAIEX, Technical Assistance and Information Exchange)⁸¹ diġà wrew il-valur tagħhom biex jappoġġaw is-setturi kulturali tal-pajjiżi kandidati u tal-kandidati potenzjali u biex jipromwovu sens akbar ta' appartenenza u ta' identità Ewropea komuni. Dawn l-inizjattivi jiġġeneraw impjiegi ta' kwalità, jistimulaw it-tkabbir sostenibbli, u jrawmu fehim reċiproku bejn il-pajjiżi sħab u l-Istati Membri. Dan it-tip ta' appoġġ għandu jkompli bl-avanz tal-proċess tat-tkabbir. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh ukoll se tiġi promossa b'mod attiv fir-reġjun tat-tkabbir, filwaqt li tibni fuq inizjattivi ta' suċċess, inklużi l-Laboratorji taż-Żgħażaġħ.

Il-Kummissjoni se tkompli ssaħħaħ id-Djalogu ta' Politika dwar il-Kultura mal-pajjiżi kandidati, mal-kandidati potenzjali u mal-pajjiżi ġirien, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri tal-UE. Se tniedi wkoll fażi ġdida tal-**Programm EU4Culture** fir-reġjun tal-Viċinat tal-Lvant. Lil hinn mill-kooperazzjoni teknika, l-iskambji kulturali joffru opportunitajiet għal djalogu u għal skambju u narrattiva b'saħħitha, billi jippreżentaw is-sħubija mal-UE mhux biss bħala proċess legali u ekonomiku, iżda wkoll bħala proġett kulturali komuni. Il-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh ukoll se tiġi promossa b'mod attiv fir-reġjun tat-tkabbir, filwaqt li tibni fuq inizjattivi ta' suċċess, inklużi l-Laboratorji taż-Żgħażaġħ.

Barra minn hekk, kooperazzjoni aktar mill-qrib dwar il-kultura se tkun ta' benefiċċju wkoll għar-relazzjonijiet tal-Unjoni mal-pajjiżi ġirien u lil hinn minnhom. Pereżempju, il-wirt tanġibbli u intanġibbli għani tan-Nofsinar tal-Mediterran jipprovdi bażi b'saħħitha għall-kooperazzjoni fil-futur permezz tal-kultura, it-turiżmu kulturali sostenibbli, u l-iżvilupp ibbażat fuq il-wirt. Il-Patt għall-Mediterran il-ġdid⁸² jipprovdi opportunitajiet biex il-wirt kulturali u l-industrija kreattiva jitqiegħdu fil-qalba tad-djalogu u tal-inizjattivi ta' kooperazzjoni u ta' koordinazzjoni. Fil-kuntest tal-Patt, il-Kummissjoni se tniedi **inizjattiva Ewro-Mediterranja ġdida għall-kultura, għall-isport u għat-turiżmu**.

⁷⁸ [Il-Komunikazzjoni Konġunta Lejn strateġija tal-UE għal relazzjonijiet kulturali internazzjonali \(JOIN/2016/029\)](#).

⁷⁹ [Paġna tal-proġett tal-UE - EU NEIGHBOURS east](#).

⁸⁰ Diversi proġetti ġew iffinanzjati permezz tal-[Istrument tal-UE għall-Assistenza ta' qabel l-Adeżjoni \(IPA\)](#), pereżempju fil-Balkani tal-Punent, bl-għan li tittejjeb il-kooperazzjoni kulturali bħala mutur tar-rikonċiljazzjoni u tar-relazzjonijiet tajbin mal-ġirien, filwaqt li jiġu appoġġati l-istabbiltà reġjonali fit-tul u l-fehim reċiproku.

⁸¹ [TAIEX - Il-Kummissjoni Ewropea](#).

⁸² [Il-Komunikazzjoni konġunta dwar il-Patt għall-Mediterran - Il-Lvant Nofsani, l-Afrika ta' Fuq u l-Golf](#).

Barra minn hekk, filwaqt li bniet fuq l-esperjenza fil-programm Ewropa Kreattiva, il-Kummissjoni pproponiet il-possibbiltà kontinwa għall-pajjiżi terzi biex jipparteċipaw fil-programm AgoraEU.

6.3. Tisħiħ tal-multilateraliżmu permezz tal-kultura

It-trawwim tal-multilateraliżmu permezz tal-kultura jibqa' essenzjali biex l-UE ssaħħaħ ir-rwol tagħha bħala attur globali, tmexxi 'l quddiem id-djalogu interkulturali, u tibni sħubijiet li jikkontribwixxu għall-paċi, għar-rispett reċiproku u għall-prosperità madwar id-dinja. Permezz tal-parteeipazzjoni attiva tagħha f'fora multilaterali bħall-UNESCO (inkluż fil-kuntest ta' Mondiacult⁸³), il-G7 u l-G20, l-UE tgħin tfassal il-politiki kulturali internazzjonali, u tiżgura l-konsistenza fil-politika fis-setturi kollha. L-UE għandha tiegħu rwol ta' mexxejja fit-tisrif ta' dawn l-impenji f'azzjoni konkreta u tikkontribwixxi għat-tmexxija 'l quddiem tar-rwol tal-kultura fl-aġenda għall-iżvilupp sostenibbli ta' wara l-2030, billi tkompli tippromwovi approċċi bbażati fuq l-evidenza.

7. Il-Kultura Ewropea: investiment strateġiku

L-appoġġ għall-viżjoni u għall-għanijiet ta' politika ambizzjużi tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa jeħtieġ mobilizzazzjoni aktar sistematika tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti u futuri f'kull livell, b'mod parallel mal-investiment privat u mal-filantropija.

7.1. Finanzjament dedikat kontinwu

L-appoġġ finanzjarju kontinwu u dedikat mill-UE għas-setturi u għall-industriji kulturali u kreattivi tal-Ewropa se jiġi żgurat permezz tal-programm Ewropa Kreattiva u l-programm propost AgoraEU għall-2028-2034, li jgħaqqad flimkien il-kultura, il-media, il-valuri u d-drittijiet billi jibni fuq is-suċċessi tal-programmi kurrenti Ewropa Kreattiva u dwar iċ-Ċittadini, l-Ugwaljanza, id-Drittijiet u l-Valuri (CERV, Citizens, Equality, Rights and Values). F'konformità mal-proposta tagħha, il-Kummissjoni għandha l-għan li tibni fuq il-legat u fuq is-suċċessi tal-programm Ewropa Kreattiva u pproponiet li l-baġit għall-kultura jiġi rdoppjat. Il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni speċjali lis-simplifikazzjoni, inkluż permezz tal-użu akbar ta' għotjiet kaskata u ta' finanzjament mhux marbut mal-kostijiet u mas-somom f'daqqa, xi ħaġa li għandha tippermetti li tinkiseb aktar effiċjenza, u ttejjeb l-aċċessibbiltà.

7.2. Mainstreaming fl-istrumenti finanzjarji kollha tal-UE

Il-finanzjament kurrenti tal-UE għall-kultura minn firxa ta' programmi kien kruċjali fit-trawwim tal-edukazzjoni, tar-riċerka, tal-innovazzjoni, tad-diġitalizzazzjoni, tad-dinamiżmu tal-SMEs, taċ-ċittadinanza attiva, u tal-azzjoni kulturali ma' pajjiżi terzi⁸⁴. Il-gwida dwar il-finanzjament **CulturEU** għenet lill-partijiet ikkonċernati jinnavigaw u jifhmu l-mod kif id-diversi strumenti ta' finanzjament tal-UE jittrattaw u jiffinanzjaw il-kultura⁸⁵. Il-Kummissjoni se taġġornaha biex tirrifletti l-opportunitajiet ta' finanzjament għall-kultura fil-baġit tal-UE li jmiss.

Għall-QFP li jmiss, il-Kummissjoni pproponiet li tappoġġa l-kultura taħt l-istrumenti rilevanti tal-UE, inkluż il-Fond Ewropew għall-Kompetittività, Orizzont Ewropa, il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, u l-istrument Ewropa Globali. Biex tappoġġa dan, il-Kummissjoni se tiżviluppa **linji gwida dwar l-investiment strateġiku fil-kultura**, allinjati mad-direzzjonijiet ewlenin tal-Boxxla Kulturali.

⁸³ Il-Konferenza Dinjija tal-UNESCO dwar il-Politiki Kulturali u l-Iżvilupp Sostenibbli.

⁸⁴ Bħall-Erasmus+, Orizzont Ewropa, Ewropa Diġitali, InvestEU, CERV u NDICI.

⁸⁵ [Gwida dwar il-Finanzjament CulturEU - Kultura u Kreattività](#).

7.3. Ingranaġġ tal-finanzjament privat

L-esplorazzjoni ta' mekkaniżmi innovattivi għall-finanzjament tas-setturi u tal-industriji kulturali u kreattivi hija kruċjali biex tiġi żgurata s-sostenibbiltà tagħhom fit-tul. Il-**kollaborazzjoni bejn is-setturi pubbliċi u privati hija mħeġġa bil-qawwa** biex jiġu estenzi sorsori ta' finanzjament għall-kultura, bħall-ikkomplementar tal-għotjiet bl-**istrumenti tas-suq, l-inkorporazzjoni ta' approċċi ġodda ta' finanzjament, inklużi l-filantropija u s-sħubijiet pubbliċi-privati**, imfassla apposta għall-ħtiġijiet speċifiċi tas-setturi.

Il-Kummissjoni, flimkien mal-Fond Ewropew tal-Investment (FEI), żviluppat strumenti finanzjarji innovattivi bħala alternattiva għall-finanzjament tradizzjonali bl-għotjiet. Dawn għandhom l-għan li jingranaw is-swieq finanzjarji, kemm fl-ekwità kif ukoll fis-self, għall-benefiċċju tal-industrija tal-media u ta' industriji kulturali u kreattivi oħrajn. Biex tkompli ssaħħa id-diversità u l-kompetittività tas-setturi kulturali u tibni fuq ir-riżultati tajbin fil-qasam tal-media li kellhom il-garanziji ta' InvestEU u bil-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi⁸⁶ u l-għodda tal-investimenti fl-ekwità MediaInvest⁸⁷, il-Kummissjoni se tesplora **għodod finanzjarji ġodda biex timmobilizza l-kapital privat u tiffaċilita l-investment fis-setturi kulturali u kreattivi**, inklużi start-ups u negozji, biex jiżiedu l-kapaċitajiet tagħhom li joħolqu u jinnovaw.

8. Konklużjonijiet u t-triq 'il quddiem

Il-Boxxla Kulturali għall-Ewropa tistabbilixxi qafas ta' politika tal-UE ambizzjuż u msaħħa għall-kultura. L-azzjonijiet tagħha li jħarsu lejn il-futur huma appoġġati minn tliet għodod ta' politika globali għall-implimentazzjoni tagħha: Rapport perjodiku dwar l-Istat tal-Kultura fl-UE, dialogu strutturat tal-UE dwar il-kultura, u pjattaforma tad-data kulturali tal-UE.

It-tmexxija 'l quddiem tal-orjentazzjoni strateġika ta' din il-Boxxla Kulturali teħtieġ impenn politiku msaħħa u investment fil-kultura. Dan huwa l-ispirtu li bih qed jiġi propost illum l-abbozz tad-Dikjarazzjoni Konġunta bit-titolu "L-Ewropa għall-Kultura – il-Kultura għall-Ewropa". Il-Kummissjoni tistieden lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jikkunsidraw l-abbozz bil-ħsieb li jintlaħaq test maqbul b'mod konġunt u li jiffirmaw b'mod konġunt id-Dikjarazzjoni bħala sinjal ta' intenzjoni komuni.

Il-Kummissjoni se taħdem ukoll ma' istituzzjonijiet pubbliċi oħra, mal-partijiet ikkonċernati kulturali, mal-atturi tas-soċjetà ċivili, mal-organizzazzjonijiet rilevanti u ma' kull min huwa kkonċernat biex flimkien jaħdmu b'mod attiv sabiex jilhq u l-aspirazzjonijiet għoljin tal-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.

⁸⁶ Il-Faċilità ta' Garanzija tas-Setturi Kulturali u Kreattivi (CCS GF, Cultural and Creative Sectors Guarantee Facility), inizjalment iffinanzjata mill-programm Ewropa Kreattiva sal-2020, imbagħad minn InvestEU sa mill-2021 'l hawn, u implimentata permezz ta' kollaborazzjoni effettiva bejn il-Kummissjoni u l-Fond Ewropew tal-Investment.

⁸⁷ [MediaInvest - Spinta lill-investment fis-settur Ewropew tal-awditjar | Shaping Europe's digital future.](#)

ANNEX 1: AZZJONIJIET EMBLEMATIĊI TAL-BOXXLA KULTURALI GĦALL-EWROPA

Il-lista ta' hawn taħt tiddekrivi l-azzjonijiet li l-Kummissjoni se tieġu biex timplimenta l-Boxxla Kulturali għall-Ewropa.

Nr u	Azzjoni	Skeda ta' żmien
VIŻJONI: L-Ewropa għall-Kultura – il-Kultura għall-Ewropa		
1.	Tipproponi Dikjarazzjoni Konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u tal-Kummissjoni Ewropea bit-titolu "L-Ewropa għall-Kultura – il-Kultura għall-Ewropa".	Q4 2025
2.	Tirrapporta dwar l-Istat tal-Kultura fl-UE u torganizza djalogu strutturat tal-UE mal-partijiet ikkonċernati.	Q3 2027 (Stat tal-Kultura) Q3 2026 (djalogu)
3.	Tistabbilixxi pjattaforma tad-data kulturali tal-UE ġestita mill-Kummissjoni Ewropea.	minn Q3 2027
Direzzjoni Ewlenija 1: VALURI U DRITTIJIET		
4.	Tipproponi Premju Ewropew ġdid għall-Arti tal-Ispettaklu.	Q2 2027
5.	Rapport biex tappoġġa lill-Istati Membri ħalli jżidu l-parteċipazzjoni tal-persuni b' diżabilità fil-kultura u l-appoġġ għalihom.	Q1 2028
6.	Tistabbilixxi qafas volontarju għar-rikonoxximent reċiproku tal-passes tal-kultura u tal-wirt kulturali għaż-żgħażaġħ maħruġa fil-livell nazzjonali, tippromwovi r-Rotta Kulturali ta' DiscoverEU fost iż-żgħażaġħ, u żżid l-offerta kulturali fi ħdan il-karta tal-UE tal-iskontijiet għaż-żgħażaġħ eżistenti (iffinanzjata taħt l-Erasmus+).	Q4 2027 (passes) Q2 2026 (DiscoverEU) Q2 2026 (Karta taż-żgħażaġħ)
Direzzjoni Ewlenija 2: ARTISTI U NIES		
7.	Tipproponi Karta tal-Artisti tal-UE f' konsultazzjoni mas-sħab soċjali u mal-partijiet ikkonċernati.	Q2 2027
8.	Twaqqaf network ta' Ambaxxaturi Kulturali Żgħażaġħ biex jiġu diskussi kwistjonijiet ta' politika kulturali.	mill-2026
9.	Tippreżenta linji gwida tal-UE dwar il-kultura, is-saħħa u l-benesseri.	2028
Direzzjoni Ewlenija 3: KOMPETITTIVITÀ, REŻILJENZA, KOEŻJONI		
10.	Tippreżenta strateġija għall-IA għas-setturi kulturali u kreattivi.	Q1 2027
11.	Tiżviluppa l-Ispazju Komuni Ewropew tad-Data għall-Wirt Kulturali, fil-kuntest tal-istrateġija ta' varar pendenti għall-2025-2030 għall-ispazju tad-data.	minn Q4 2025
12.	Issaħħaħ iċ-Ċertifikat tal-Patrimonju Ewropew u l-Kapitali Ewropej tal-Kultura wara l-2033.	Q2 2026
13.	Tadotta Komunikazzjoni u proposta għal Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-futur tal-Bahaus Ewropea l-Ġdida (NEB), li tisfrutta s-setgħa trasformattiva tal-arti u tal-kultura għall-kreattività u għall-innovazzjoni.	Q4 2025
14.	Tniedi Sħubija Ewropea ġdida tar-R&I għal Wirt Kulturali Reżiljenti.	Q2 2026
Direzzjoni Ewlenija 4: INTERNAZZJONALI		
15.	Flimkien mal-HRVP, taġġorna l-Istrateġija tal-UE dwar ir-relazzjonijiet kulturali internazzjonali.	Q4 2027

Nu	Azzjoni	Skeda ta' żmien
16.	Flimkien mal-HRVP, tisfrutta l-approċċ ta' Tim Ewropa għall-kultura biex thegħeġ il-ġbir flimkien tar-riżorsi tal-UE u tal-Istati Membri fil-kultura u fil-wirt kulturali.	Għaddejja bħalissa
17.	Tniedi fażi għdida tal-Programm EU4Culture fil-Viċinat tal-Lvant.	Q4 2025
18.	Tniedi inizjattiva Ewro-Mediterranja għall-kultura, għall-isport u għat-turiżmu fil-kuntest tal-Patt għall-Mediterran.	Q1 2026

INVESTIMENTI

- | | | |
|-----|---|--------------------------------|
| 19. | Tissimplifika l-aċċess għall-finanzjament tal-UE għall-kultura u taġġorna l-gwida dwar il-finanzjament CultureEU. | għaddejja bħalissa (CE) |
| 20. | Tiżviluppa linji gwida tal-UE dwar l-investiment strateġiku fil-kultura, u tesplora għodod ta' investiment innovattivi biex tattira kapital privat, inkluża l-filantropija, f'kooperazzjoni mal-istituzzjonijiet finanzjarji rilevanti. | Q4 2028 (CultureEU)
Q4 2028 |